MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 324/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta’ Ottubru, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi *nomine* esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni *extra*-maritali ma’ l-intimat B;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri X;

3. Illi l-intimat ġie rikonoxxut bħala missier il-minuri (kopja informali taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-istess minuri hawn mehmuż u mmarkat bħala Dokument A);

4. Illi f'Ottubru 2005 l-intimat ġie misjub ħati li f'diversi ġranet u ħinijiet differenti fix-xahar ta' Awissu 2005 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-bajja pubblika li tinsab fi Triq Wilga San Ġiljan, offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li għamel f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku, u dan *ai termini* ta' l-Artikli 18 u 209 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta (kopja informali tas-sentenza hawn mehmuża u mmarkata Dokument B);

5. Illi meta l-esponenti skopriet b'din il-kundanna, u dan senjatament f'Novembru 2006, intemmet ir-relazzjoni li kellha ma' l-intimat, u dan kontra l-volonta' ta' l-istess intimat;

6. Illi minn Novembru 2005 'il quddiem kien hemm diversi inċidenti fejn l-istess intimat hedded, aggredixxa jew ikkaġuna ħsara volontarja fuq il-proprjeta' ta' l-esponenti, u dan kif jirriżulta *inter alia* mid-diversi rapporti magħmula mill-istess esponenti, kopji informali hawn mehmuża u mmarkati Dokument C sa Dokument H;

7. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimat ġieli kien aggresiv u ġieli offenda u kellem b'mod dispreġġattiv lill-istess bintu minuri, u saħansitra kien jobżqilha, fost affarijiet oħra, u dan kif jiġi ppruvat aħjar waqt l-andament tal-proċeduri odjerni;

8. Illi *nonostante* li huwa missier il-minuri, l-intimat ilu ma jaċċedi għal bintu għal diversi xhur;

9. Illi l-esponenti tħoss illi huwa fl-interess supremi tal-minuri li f'każ li l-intimat jeżerċita d-dritt tiegħu l jaċċedi għal bintu, illi tali aċċess għandu jsir biss u esklussivament taħt superviżjoni u taħt id-direzzjoni ta' dina l-istess Onorabbli Qorti;

10. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-intimat ilu minn Diċembru 2005 sal-ġurnata ta' llum ma

jgħaddi lill-esponenti retta alimentarja xierqa għal bintu l-minuri;

11. Illi *nonostante* debitament interpellat biex jgħaddi tali manteniment, l-intimat qiegħed kategorikament jirrifjuta li jaderixxi u jonora l-obbligazzjoni tiegħu skond il-liġi;

12. Illi *nonostante* t-trattattivi sabiex jintlaħaq ftehim *tramite* l-proċedura tal-medjazzjoni l-intimat baqa' inadempjenti, u għalhekk l-esponenti kellha tirrikorri għall-proċeduri odjerni;

13. Illi għalhekk l-esponenti umilment titlob li l-intimat jiġi kkundannat u ordnat li jgħaddi lill-istess mittenti retta alimentarja għal binthom minuri X, liema somma tiġi ddepositata f'akkont bankarju indikat mill-istess esponenti, kif ukoll li jħallas l-arretrati relattivi dovuti għall-minuri mix-xahar ta' Diċembru 2005, kif ukoll illi l-aċċess ta' l-intimat għal bintu minuri jsir taħt superviżjoni sorveljata u taħt id-direzzjoni ta' nies kwalifikati;

14. Illi l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi b'din l-istanza permezz ta' digriet datat 12 ta' Ġunju, 2006, illi kopja legali tiegħu qegħda tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. "I".

Għaldaqstant, u *in vista* tal-premess, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

(1) Tikkundanna u tordna lill-intimat jgħaddi lill-istess mittenti retta alimentarja xierqa għal binthom minuri X, liema somma tiġi depositata f'akkont bankarju li jiġi indikat mill-istess esponenti;

(2) Tikkundanna u tordna lill-istess intimat iħallas lill-esponenti l-arretrati kollha relattivi dovuti għall-minuri mix-xahar ta' Diċembru 2005 'il quddiem;

(3) Tordna li l-aċċess ta' l-intimat għal bintu minuri jsir esklussivament taħt superviżjoni sorveljata f'dak il-post u f'dawk il-ġranet u ħinijiet li fil-fehma ta' *social worker* jew

persuna oħra kwalifikata sabiex jiġi eżerċitat tali aċċess, u dan skond iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern,

u dan dejjem taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna *in vista* tal-gravita' taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li qiegħed jiġi nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fit-2 ta' Marzu, 2007, li permezz tagħha espona u wieġeb bil-qima:

1. Illi huwa ma jsib ebda oġġezzjoni għall-ewwel talba odjerna u dan dejjem fl-interess suprem tal-minuri bintu, u b'dana pero' li r-retta alimentari li tiġi ffissata tkun tirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u senjatament l-introjtu u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-intimat, speċjalment fid-dawl tal-fatt illi huwa diġa' jivversa manteniment għal martu li minnha huwa legalment separat, kif ukoll għaż-żewġ uliedu li kellu minn dan iż-żwieġ, kif ukoll għas-sitwazzjoni preżenti tal-minuri X u dak ta' ommha r-rikorrenti li ilha minn Diċembru 2005 li reġgħet marret tgħix ma' żewġha li minnu kienet isseparat flimkien mal-minuri bint l-intimat.

2. Illi t-tieni talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti għaliex infondata fil-fatt u fid-dritt kemm għal raġunijiet indikati sueċċepiti kif ukoll għal dawk ir-raġunijiet l-oħra li ser jiġu ppruvati waqt it-trattazzjoni ta' dan il-każ.

3. Illi dwar it-tielet talba l-intimat jaqbel illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiffissa aċċess adegwat favur tiegħu għal bintu, iżda żgur li mhux taħt superviżjoni kif mitlub mir-rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi u ta' omissis.

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu ordnat manteniment *pendente lite* ta' ħmistax-il Lira Maltin (Lm15) fil-ġimgħa.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawża l-attriċi qegħda titlob il-ħlas ta' manteniment għall-minuri li hija kellha minn relazzjoni mal-konvenut. Din ir-relazzjoni llum intemmet u l-konvenut ilu ma jmantni lill-minuri minn Diċembru 2005. Infatti l-konvenut għalkemm kellu l-opportunita' jressaq il-provi, qatt ma għamel dan. Għalkemm il-konvenut qiegħed jilmenta li ma tantx jista' jħallas manteniment, meta l-partijiet kienu jgħixu flimkien huwa kien iħallas il-kera u jagħti tletin Lira Maltin (Lm30) fil-ġimgħa lill-attriċi, u l-*lifestyle* tiegħu turi li għandu qligħ tajjeb min-negozju li għandu. Il-fatt li għandu tfal miż-żwieġ tiegħu li qiegħed imantni hija problema li jrid isolviha hu għax dan ma jfissirx illi m'għandux imantni wkoll lill-minuri li kellu mir-relazzjoni ma' l-attriċi. Jidher *nonostante* d-digriet tal-Qorti fejn ġie ffissat l-aċċess, il-konvenut lanqas ħa interess li dan l-aċċess jeżerċitah.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk:**

**1. tordna lill-konvenut biex b'effett mill-1 ta' Lulju, 2008 iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) fix-xahar għall-imsemmija minuri;**

**2. tordnalu wkoll biex iħallas b'rata ta' ħmistax-il Lira Maltin (Lm15), ekwivalenti għal erbgħa u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94), fil-ġimgħa għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2006 u t-30 ta' Ġunju, 2008, b'kollox ammontanti għal tlett elef, tmien mija, erbgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€3,844.50) (salv tnaqqis ta' manteniment li seta' ħallas wara d-digriet tas-17 ta' Awissu, 2007);**

**3. tordna li filwaqt li tikkonferma l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attriċi, il-konvenut ikollu aċċess taħt superviżjoni fil-bini ta' l-aġenzija Appoġġ għal sagħtejn fil-ġimgħa li jiġu ndikat mill-istess aġenzija.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------